MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 954/2018LM

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited (C-365)**

***vs.***

**Il-Bastiment M/T Krone reġistrat ġewwa Sierra Leone bin-numru uffiċjali 2831 u numru tal-IMO 8666898**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi **Mediterranean Trading Shipping Company Limited** (C365) fit-28 ta' Settembu, 2018 (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") u maħluf minn Peter Ellul Sullivan, in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi.

Fir-Rikors Maħluf tagħha s-soċjetà attriċi ssostni li matul is-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll bejn ix-xhur ta' Jannar u Awwissu elfejn u tmintax (2018) hija pprovdiet għadd ta' servizzi u proviżjonijiet lill-bastiment M/T Krone (minn issa 'l quddiem "il-bastimet konvenut") li għandu l-bandiera marittima ta' Sierra Leone u n-numru uffiċjali ta' reġistrazzjoni 2831 u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) 8666898. Is-soċjetà attriċi ppremettiet ukoll li d-diversi proviżjonijiet fornuti lill-bastiment konvenut, u spejjeż oħra inkorsi mis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-bastiment konvenut jaqgħu taħt is-sub-artikoli (o), (q) u (s) tal-artikolu 742B tal-Kap. 12. Is-soċjetà attriċi tgħid li ħarġet wieħed u ħamsin (51) fattura għall-imsemmija servizzi u proviżjonijiet li komplessivament jammontaw għas-somma ta' mija tmienja u tletin elf erba' mija ħamsa u ħamsin Euro punt ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€138,455.55).[1] Is-soċjetà attriċi ssostni li dawn il-fatturi ġew aċċettati mill-bastiment konvenut u/jew rappreżentanti tiegħu u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni illi ġiet imqajma mill-bastiment konvenut dwarhom. Minkejja li s-soċjetà attriċi interpellat diversi drabi lill-bastiment konvenut u/jew rappreżentanti tiegħu sabiex jersqu għal ħlas tal-fatturi relattivi, huma baqgħu inadempjenti. Is-soċjetà attriċi tgħid li l-ammont ta' mija tmienja u tletin elf erba' mija ħamsa u ħamsin Euro punt ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€138,455.55) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-bastiment konvenut lis-soċjetà attriċi u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tas-soċjetà

[1] Rendikont tal-kont u l-fatturi relattivi jinsab esebit *a fol.* 6 sa 135 tal-proċess.

attriċi, il-bastiment konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2017.

Rat li l-bastiment konvenut M/T Krone ġie debitament notifikat bir-Rikors Maħluf fis-16 ta' Ottubru, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 fejn il-bastiment konvenut **M/T Krone** għad illi kien debitament notifikat, ma deher ħadd biex jirrappreżentah jew biex jassistih.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda ta' **Peter Ellul Sullivan**[2], in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf sa dakinhar li kien qiegħed jixhed, il-bilanċ dovut baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas akkont mill-bastiment konvenut.

[2] *A fol.* 150 tal-proċess.

Illi invista tal-fatt li waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 ma deher ħadd għall-bastiment konvenut M/T Krone u ma deher ħadd biex jassistih, tqis illi l-bastiment konvenut ma kellu ebda eċċezzjonijiet xi jressaq.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Billi l-bastiment konvenut baqa' ma ġabx raġuni biex jopponi għat-talbiet attriċi u tenut kont ukoll li s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi ġiet debitament irrikonfermata mis-soċjetà attriċi, bil-ġurament ta' Peter Ellul Sullivan in rappreżentanza tal-istess, tant li mill-preżentata tar-Rikors Maħluf il-bastiment konvenut baqa' ma effetwa l-ebda pagament akkont lis-soċjetà attriċi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara li l-bastiment konvenut M/T Krone huwa debitur tas-soċjetà attriċi Mediterranean Trading Shipping Company Limited fis-somma komplessiva ta' mija tmienja u tletin elf erba' mija ħamsa u ħamsin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€138,455.55) għal għadd ta' servizzi u proviżjonijiet fornuti mis-soċjetà attriċi lill-bastiment konvenut;**

3. **Tikkundanna u tordna lill-bastiment konvenut M/T Krone iħallas lis-soċjetà attriċi Mediterranean Trading Shipping Company Limited is-somma komplessiva ta' mija tmienja u tletin elf erba' mija ħamsa u ħamsin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€138,455.55).**

**Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-bastiment konvenut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-bastiment konvenut.**

Moqrija.